TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal Tal-Konsumatur**

Jessica Caruana

vs

Renova Co. Ltd.

CCT 46/24/MS

29 ta' Mejju 2024

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrenti pprezentat fit-23 ta' Frar 2024 fejn talbet lil dan it-Tribunal jikundanna l-isocjeta' intimata thallasha l-ammont ta' sitt mija u tletin euro (€630.00), prezz ta' sitt siggijiet mixtija minghand is-socjeta' intimata, liema siggijiet kellhom diffett fil-buttuni u dan kif spjegat ahjar fl-avviz tar-rikorrent.

Ra illi s-socjeta' intimata m'ghamlitx risposta, izda dehret quddiem dan it-Tribunal meta hekk imsejha u tat ix-xiehda taghha.

Ra l-atti kollha tal-kaz.

Sema' x-xhieda bil-gurament.

Ikkunsidra

Illi rrizulta mill-provi illi fil-31 ta' Awwissu 2021 ir-rikorrenti ghamlet ordni ghal sitt siggijiet minghand is-socjeta' intimata. Dawn is-siggijiet kienu jikkonsistu f'drapp ordnat apposta skond il-gosti tar-rikorrenti u saru bil-buttuni li gew jiswew aktar minn siggijiet bla buttuni. Is-siggijiet gew konsenjati fl-24 ta' Mejju 2022 u tlett xhur wara inqalghu xi buttuni. Ir-rikorrenti ghamlet kuntatt ma' certu Bjorn Zammit, *salesman* fi hdan is-socjeta' intimata li qallha biex tiehu s-sigggijiet ghat-tiswija, kif fil-fatt ghamlet. Imma ftit xhur wara, f'Ottubru, regghu nqalghu aktar buttuni. Gimgha wara regghet inqalghet buttuna ohra, u ddecidiet tiehu s-siggijiet lura u jdurhom kollha mill-gdid. Fil-fatt hija talbet lil Bjorn biex telimina l-buttuni biex ma toqghodx gejja u sejra, u Bjorn talabha thallas l-ispejjes tad-drapp. Ir-rikorrenti irrifjutat ghaliex il-prodott qatt ma kien sew mill-bidu nett u dan ma kienx kaz ta' trasjuragni taghha, apparti li hi kienet hallset ghad-drapp u ghal

buttuni. Min-naha tieghu Bjorn offrielha li jibqa' dejjem dispost li jsewwi s-siggijiet pero' dan ma kienx konvenjenti ghaliha ghaliex kull darba trid tohrog u tiskomoda ruhha.

Illi xehed ukoll Bjorn Zammit illi kkonferma dak kollu li qalet ir-rikorrenti fis-sens illi dawn is-siggijiet issewwew tlett darbiet u l-buttuni dejjem inqalghu. Qal ukoll illi dawn is-sigggijiet huma solid Beachwood u mmannifatturati lokalment u l-integrita' taghhom ghadha tajba. Ikkonferma wkoll illi hi kienet hallset sitt mija u tletin euro ghal sitt siggijiet, bid-drapp b'kollox u kien biegh mijiet ta' siggijiet bhalhom u kellu biss problemi b'zewg klijenti. Ikkonferma wkoll illi parti mis-servizz tieghu huwa li jsewwi u jibqa' jsewwi anke wara li tiskadi l-garanzija.

Ikkunsidra

Illi permezz ta' din l-istanza, ir-rikorrent qed titlob li tinghata lura l-prezz li hallset ghal sitt siggijiet, wara li dawn zviluppaw difett ftit xhur wara li nxtraw, meta l-buttuni li kienu parti mit-tappizzerija tas-siggiet bdew jinqalghu. Min-naha tieghu, l-intimat ikkonferma illi dan kien minnu, pero' qal li hu kien lest jibqa' jsewwi l-prodott.

Ma tressqet l-ebda hjiel ta' prova dwar xi nuqqas da parti tar-rikorrenti u fic-cirkostanzi it-Tribunal huwa sodisfatt illi l-prodott kien difettuz u tali diffett immanifesta ruhu ftit xhur wara li s-siggijiet gew konsenjati.

Ikkunsidra

Illi l-artikolu 73 tal-Kap 378 jistipola illi oggett ghandu jigi kkunsinnat konformi mal-kuntratt tal-bejgh, b'mod li jkollu, fost affarjiet ohra, l-funzjonalita' rikjesta. Illi f'kaz ta' nuqqas ta' konformita' l-konsumatur ghandu jkun intitolat illi l-oggett jingieb f'konformita' permezz ta' tiswija, sostituzzjoni, tnaqqis fil-prezz jew terminazzjoni tal-kuntratt. Imbaghad, l-artikolu 75(2) ighid illi t-tiswijiet ghandhom jitwettqu fi zmien ragjonevoli mill-mument li l-bejjiegh ikun gie infurmat mill-konsumatur dwar in-nuqqas ta' konformita, u minghajr inkonvenjent sinifikanti ghall-konsumatur, filwaqt li jitqiesu n-natura tal-oggetti u l-iskop li ghalih il-konsumatur kellu bzonn l-oggetti.

Ikkunsidra

Illi ma jistax ikun hemm dubju illi l-bejiegh ghamel minn kollox biex jipprova jgib l-oggetti in konformita' u ghalkemm dan hu ta' min ifahharha, hemm limitu ta' kemm - il darba oggett ghandu jigi imsewwi, iktar u iktar meta dan hu ta' inkonvenjent ghal konsumatur. Illi l-artikolu 74(3)(b) jistipola li jekk in-nuqqas ta' konformita' jippersisti minkejja li l-

bejjiegh ikun prova jgib il-prodott f'konformita', allura l-konsumatur ghandu jkollu d-dritt ghat-terminazzjoni tal-kuntratt.

Illi ghalkemm il-bejjiegh offra illi jerga' jiksi s-siggijiet u jbati l-ispjjes ta' xogholu, talab lir-rikorrenti thallas l-ispejjes tad-drapp. Illi t-Tribunal jaqbel illi tali riemdju, u cjoe' li l-bejjiegh ibati l-ispejjes tad-drapp u jerga' jiksi s-siggijiet mill-gdid, jimponu fuqu spejjes sproporzjonati, ai termini tal-artikolu 74 (2). Ghalhekk, fic-cirkostanzi, it-Tribunal jidhilru illi ikun ahjar kemm ghal konsumatur kif ukoll ghal bejjiegh li l-kuntratt tal-bejgh jigi terminat u l-bejjiegh ikun jista' jiehu lura s-siggijiet.

Illi dwar il-quantum, ghalkemm dawn is-siggijiet mhumiex godda, it-Tribunal ihoss illi r-rikorrenti ghandha tiehu lura l-ammont shih, u dan tenut kont tal-fatt illi s-siggijiet jidhru li ghadhom fi stat tajjeb kif xehed ukoll l-intimat u l-fatt illi d-difett immanifesta ruhu ftit xhur wara li gew konsejnati.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jikundanna s-socjeta' intimata thallasha l-ammont ta' sitt mija u tletin euro. Bi dritt tas-socjeta intimata li tiehu lura is-siggijiet wara li jsir il-hlas.

**Dr Michela Spiteri LL.D**

**Arbitru**